**79. Il-Ministru tax-Xogħolijiet, l-Onor. Carmelo Vella, jipproponi:**

Billi hu maħsub fl-artikolu 3 tal-Att tal-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini, illi meta art tkun ġiet dikjarata bala *Area* għall-Iżvilupp tal-Bini kif provdut fis-subartikolu (1) ta' dak l-artikolu, u l-Ministru responsabbli għax-xogħlijiet ikun ipprepara Proġett skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dak l-artikolu u l-proċedura stabbilita fis-subartikolu (3) ta' dak l-artikolu tkun ġiet segwita u ż-żmien hemm imsemmi jkun għadda, il-Ministru għandu jieħu ħsieb li d-dikjarazzjoni titqiegħed quddiem il-Kamra biex tiġi kkonsidrata minnha;

U billi hu maħsub fis-subartikolu (6) tal-istess artikolu li l-Kamra tista' b'riżoluzzjoni jew tadotta jew tiċħad dik id-dikjarazzjoni jew tista' tapprova dik id-dikjarazzjoni b'kull modifika li jidhrilha xieraq li tagħmel;

U billi hu maħsub fl-artikolu 7 tal-istess Att li meta persuna li jkollha jekk fuq jew interess f'xi art inkluża fi Proġett imsemmi fl-artikolu 3 ta' dak l-Att, tipprova b'dokumenti li dik l-art tkun ġiet akkwistata *bona fide* minnha qabel l-erbatax ta' Frar, 1983 bi prezz ogħla mill-kumpens li xort'oħra kien jitħallas skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi, il-Ministru responsabbli għax-xogħlijiet għandu jieħu ħsieb li dawk id-dokumenti jitqegħdu quddiem il-Kamra flimkien mad-dikjarazzjoni msemmija fl-artikolu 3 ta' dak l-Att għall-konsiderazzjoni tagħha, u l-Kamra tista' fir-riżoluzzjoni li tadotta, jew tapprova dik id-dikjarazzjoni jew:

(a) tinkludi dik l-art fl-*Area* għall-Iżvilupp tal-Bini, f'liema każ il-prezz ogħla għandu jitħallas bħala kumpens lil dik il-persuna; jew

(b) tinkludi dik l-art fl-*Area* għall-Iżvilupp tal-Bini u tiddikjara li d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att m'għandhomx japplikaw għaliha; jew

(c) teskludi dik l-art mill-*Area* għall-Iżvilupp tal-Bini;

U billi l-Ministru tax-Xogħlijiet fit-30 ta' Marzu, 1983 u fit-12 ta' April, 1983 għamel il-Proġetti li kopja tagħhom tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

U billi kif maħsub fl-artikolu 7 ta' dak l-Att il-Ministru tax-Xogħlijiet irċeva d-dokumenti li tqiegħdu quddiem il-Kamra;

U billi l-Ministru għamel dikjarazzjoni li tqiegħedet quddiem il-Kamra u li biha l-artijiet taż-Żwiet f'Birkirkara; Qasam Barrani fil-Mellieħa; Santa Margerita fil-Mosta; is-Swatar fl-Imsida; is-Sgħajtar fin-Naxxar; Pembroke f'San Ġorġ; tal-Fuklar f'Ħ'Attard u Tal-Ħandaq f'Ħal Qormi murija fuq il-pjanti annessi ma' dik id-dikjarazzjoni ġew dikjarati biex ikunu Arei għall-Iżvilupp tal-Bini;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li:

1. Il-Kamra tad-Deputati tapprova u tadotta d-dikjarazzjoni tal-Ministru tax-Xogħlijiet li biha l-artijiet taż-Żwiet f'Birkirkara; Qasam Barrani fil-Mellieħa; Santa Margerita fil-Mosta; Is-Swatar fl-Imsida; Is-Sgħajtar fin-Naxxar; Pembroke f'San Ġorġ; Tal-Fuklar f'Ħ'Attard u Tal-Ħandaq f'Ħal Qormi murija fuq il-pjanti annessi ma' dik id-dikjarazzjoni ġew dikjarati biex ikunu Arei għall-Iżvilupp tal-Bini għal finijiet u effetti kollha ta' l-artikolu 3 tal-Att tal-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini u għal kull għan ieħor tal-istess Att; u

2. Li l-art fl-Area għall-Iżvilupp tal-Bini tas-Sgħajtar fin-naxxar immarkata bl-ittri "X" u "Y" fuq il-pjanta annessa mad-dokument li l-ministru rċeva skond l-artikolu 7 tal-imsemmi Att tiġi nkluża fl-Area għall-Iżvilupp tal-Bini msemmija u l-Kamra tad-Deputati tiddikjara li d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 5 tal-Att ta' l-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini m'għandhomx japplikaw għaliha; u dan għall-finijiet u effetti kollha ta' l-artikolu 7 tal-Att tal-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini u għal kull għan ieħor tal-istess Att; u

3. L-art murija fil-lista annessa ma' din id-dikjarazzjoni għandha tiġi nkluża fl-Arei għall-Iżvilupp tal-Bini relattiva, u li dwarha għandu jitħallas bħala kumpens dak il-prezz ogħla (kif muri fl-istess lista) li biha dik l-art kienet inxtrat *bona fide* qabel l-14 ta' Frar, 1983, u dan għall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 7 tal-Att ta' l-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini u għal kull għan ieħor tal-istess Att.

30.06.1983